IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

4 ta' Jannar 2018
02/2018

**ERBA' KANDIDATI ĠODDA GĦAS-SAĊERDOZJU**

Erba' seminaristi fil-ħames sena ta' preparazzjoni fis-Seminarju tal-Arċisqof, ser jitolbu lill-Arċisqof Charles J. Scicluna biex jaċċettahom uffiċjalment bħala kandidati għall-Ordinazzjoni Djakonali u Saċerdotali. Din iċ-ċelebrazzjoni ser issir nhar il-Ħadd 7 ta' Jannar 2018, waqt il-Quddiesa tal-Epifanija fil-Konkatridral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fid-9:15 a.m.

Osmar Baldacchino mill-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi, David Borg mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar, Christopher Bugeja mill-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat, u Jonathan Debattista mill-Parroċċa ta' Marija Lunzjata, Ħal Tarxien, ser jistqarru pubblikament ir-rieda tagħhom li joffru lilhom infushom lill-Knisja biex iservu bħala saċerdoti.

Filwaqt li jilqagħhom b'ferħ, Mons. Arċisqof, f'isem il-Knisja, ser ikun qed jitlobhom biex matul is-snin li ġejjin ikomplu jħejju lilhom infushom bi preparazzjoni għall-Ordni Sagri.

Il-komunità Nisranija hi mitluba żżomm f'talbha lil dawn l-erba' kandidati għas-saċerdozju.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**